**ITTRA MIFTUĦA**

**LILL-MEMBRI PARLAMENTARI MALTIN**

Onerevoli Membru Parlamentari,

Fil-ġranet li ġejjin se tiġi diskussa, f'xi wħud mill-Kumitati Permanenti tal-Parlament, il-kwistjoni li tqanqlet dan l-aħħar f'pajjiżna dwar l-assistenza medika bil-għan li ttemm direttament il-ħajja.

Bħala l-Isqfijiet ta' bosta minn dawk li inti tirrappreżenta fil-Parlament Malti, qed niktbulek din l-ittra sabiex nesprimu t-tħassib tagħna dwar din il-kwistjoni u fl-istess waqt naqsmu miegħek dawn ir-riflessjonijiet etiċi u morali:

1. Aħna nemmnu bis-sħiħ fir-rispett lejn id-dinjità tal-ħajja umana li kull ċittadin għandu d-dritt li jgawdi matul l-istadji kollha tal-ħajja, mill-bidunett tat-tnissil sal-mewt naturali. Dan it-twemmin huwa s-sisien ta' kull ċiviltà mibnija fuq il-ħarsien tal-jeddijiet ta' kull bniedem, fosthom il-jedd fundamentali tal-ħajja umana. L-iskop tal-liġi huwa li jagħti protezzjoni lil kull ħajja umana, b'mod partikolari meta din tkun żvantaġġjata u vulnerabbli, u mhux li jiffaċilita u jippromwovi t-tmiem tagħha. Kull soċjetà li ddgħajjef il-projbizzjoni legali ta' qtil intenzjonat ta' bniedem tkun qed tmermer il-fibra morali u soċjali tagħha.

2. Meta ċittadin isir dipendenti, dgħajjef jew vulnerabbli minħabba kundizzjonijiet ta' mard, diżabiltà, jew tbatija insopportabbli, soċjetà moderna mistennija li twieġeb bi strutturi b'saħħithom u sensittivi ta' wens u sedqa biex ħadd ma jiġi mwarrab, ma jaqa' lura jew jitqies bħala piż fuq l-oħrajn. Soċjetà turi l-wiċċ ħanin tagħha meta persuni vulnerabbli la jiġu abbandunati u wisq aktar ma ddaħħal xi forma ta' protezzjoni legali għall-assistenza medika bil-għan li tħaffef il-proċess tal-mewt. Għall-kuntrarju, f'pajjiżna għandna nsaħħu s-servizz mediku ta' kura paljattiva u nkomplu nifirxu x-xikba ta' solidarjetà soċjali f'servizzi siewja bla ħlas li Hospice Movement diġà qed joffri fil-komunità lil tant pazjenti b'mard terminali u lill-qraba tagħhom. Servizzi ta' kwalità għolja u effiċjenti f'dan il-qasam joffri mhux biss wens u appoġġ kbir mal-pazjenti u l-qraba tagħhom, iżda jnissel ukoll sens ta' serħan il-moħħ fis-soċjetà.

3. Id-dritt għall-ħajja huwa dritt fundamentali ta' kull persuna u għalhekk hemm l-obbligu li l-ħajja tkun rispettata mill-bidu sat-tmiem naturali tagħha. Kull persuna għandha wkoll id-dritt li tingħata l-kura u s-soċjetà għandha l-obbligu morali li tipprovdi s-servizzi mediċi biex tħares dan id-dritt għall-ħajja. Il-pazjent għandu d-dritt legali u morali li jirrifjuta t-trattament mediku meta dan ikun sproporzjonat, jiġifieri ma joffri l-ebda tama ta' ġid, jinvolvi spejjeż enormi jew jikkaġuna tbatija insopportabbli. Li jitwaqqaf jew ma jinbediex it-trattament mediku minħabba dawn ir-raġunijiet, minkejja li l-kura paljattiva għandha tkompli tingħata, hija etikament għal kollox differenti minn meta pazjent jitlob għall-assistenza medika biex jitħaffef

il-proċess tal-mewt. Filwaqt li fl-ewwel każ, l-intenzjoni hija li ma jsir l-ebda intervent mediku biex jiġi rispettat il-proċess naturali tal-mewt, fit-tieni każ l-intervent mediku jsir bl-intenzjoni li joqtol lill-pazjent. "Għemil jew nuqqas ta' għemil li, minnu nnifsu jew bl-intenzjoni ta' min jagħmlu, jagħti l-mewt lil dak li jkun biex ma jbatix aktar, hu qtil li jmur gravement kontra d-dinjità tal-persuna tal-bniedem u kontra r-rispett li jistħoqqlu Alla l-Ħaj u Ħallieq" (Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, 2277).

4. Illum kulħadd japprezza s-sens qawwi ta' awtonomija li tgawdi kull persuna umana. Kulħadd jixtieq li jieħu r-riedni ta' ħajtu f'idejh u jfassal ħajtu b'mod responsabbli skont ix-xewqat u l-pjanijiet tiegħu. Dan huwa pass 'il quddiem fiċ-ċiviltà ta' llum! Però din l-awtonomija ma tfissirx li wieħed għandu l-jedd li jiddeċiedi hu meta jtemm il-ħajja minħabba tbatija insapportabbli, diżabiltà jew xi inkonvenjent ieħor. Il-ħarsien tal-ħajja jiġi qabel id-dritt għal-libertà. It-talba ta' pazjent biex jingħata assistenza medika biex tikkawża direttament il-mewt, anke meta dan ikun fil-proċess imminenti tal-mewt, mhix kwistjoni ta' libertà ta' għażla. L-awtonomija li jgawdi kull individwu mhix assoluta u bla limitu. Il-protezzjoni tal-ħajja umana, b'mod partikulari meta din tkun dipendenti u vulnerabbli, huwa prinċipju etiku u legali li jiżboq il-prinċipju tal-awtonomija. Jekk, f'dan il-kuntest, il-prinċipju tal-awtonomija jiġi mifhum f'sens assolut, dan ifaqqar il-vokazzjoni medika għal sempliċi funzjoni "teknika" fejn it-tabib jeżegwixxi dak li jrid il-pazjent u f'dan il-każ iwettaq għemil li jmur kontra l-missjoni ta' tabib bħala dak li jħares il-ħajja u li qatt ma jikkaġuna l-mewt. Bidla fil-liġi dwar il-protezzjoni tal-ħajja umana tfisser bidla fil-kultura u l-mentalità ta' pajjiżna dwar kif nibdew inħarsu lejn l-anzjani tagħna, persuni b'mard kroniku, persuni b'diżabilità jew kundizzjonijiet oħra.

5. Hemm min jirraġuna li meta pazjent jitlef il-kwalità tal-ħajja minħabba kundizzjonijiet ta' tbatija insapportabbli, diżabiltà fiżika jew mentali, jew dipendenza assoluta fuq l-oħrajn, il-ħajja umana titlef il-valur tagħha u għalhekk għandha tiġi onorata x-xewqa ta' min għejja jgħix u tilef kull xewqa li jkompli jissielet il-battalja tal-ħajja. Aħna nifhmu t-tbatija psikoloġika u fiżika li pazjent u l-qraba jkunu qed iġarrbu. Aħna nħossuna solidali ma' kull min hu għaddej minn dawn l-esperjenzi qarsa ta' sofferenza. Però nemmnu li l-valur tal-ħajja umana ma jiddependix mis-saħħa jew mill-mard. Nemmnu wkoll li l-assistenza medika li tingħata lill-pazjent biex itemm ħesrem il-ħajja qatt ma tista' tkun fl-aħjar interess tal-pazjent.

6. Jekk min huwa fil-professjoni medika jkollu jiġi mġiegħel itemm il-ħajja ta' xi ħadd, infakkru li liġi li tobbliga lil xi ħadd imur kontra l-kuxjenza tiegħu jew tagħha tkun liġi inġusta.

7. Aħna nappellaw lil kull Membru Parlamentari biex ikompli jħares id-dinjità tal-ħajja umana f'kull stadju tagħha, mill-konċepiment sal-mewt naturali tagħha. Fost l-aqwa kisbiet li pajjiżna xettel u kabbar matul il-medda twila tas-snin fil-kultura

Maltija hemm ir-rispett lejn il-ħajja umana matul l-istadji kollha tagħha. Dan huwa wirt nazzjonali li għandna nkomplu ngħożżuh u nikkonsolidawh biex ngħadduh bla mittiefes lill-ġenerazzjonijiet futuri ta' pajjiżna.

8. Ma nistgħux ma nfissrux l-apprezzament kbir tagħna għall-fatt li ħafna mill-familji tagħna għadhom juru għożża kbira mal-morda terminali, l-anzjani u persuni vulnerabbli u jagħżlu li jibqgħu jduru bihom fi djarhom stess. L-imħabba u l-empatija li normalment il-qraba juru meta jakkumpanjaw lil dawn il-persuni f'waqtiet tant iebsin tal-ħajja, anke meta jkunu fl-isptarijiet, huma sinjal ta' ċiviltà umana unika. Nappellaw lil ħutna Maltin u Għawdxin biex ikattru dawn l-għemejjel ta' ħniena u nkomplu nistinkaw ħalli ebda ċittadin ta' pajjiżna ma jisfa abbandunat fil-marda jew kundizzjoni kronika tiegħu.

✠ **Charles J. Scicluna**
Arċisqof ta' Malta

✠ **Mario Grech**
Isqof ta' Għawdex